

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-3 ta' Marzu 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Hoge Raad der Nederlanden – il-Pajjiżi l-Baxxi) – Staatssecretaris van Financiën vs Customs Support Holland BV

(Kawża C-144/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tariffa Doganali Komuni — Nomenklatura Magħquda — Intestaturi 2304, 2308 u 2309 — Klassifikazzjoni ta' konċentrat tal-proteina tas-soja)

(2016/C 156/23)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Staatssecretaris van Financiën

Konvenuta: Customs Support Holland BV

Dispożittiv

In-nomenklatura magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni ta' Dwana, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 948/2009, tat-30 ta' Settembru 2009, għandha tiġi interpretata fis-sens li konċentrat tal-proteina tas-soja, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jaqa' taħt l-intestatura 2309 ta' din in-nomenklatura.

⁽¹⁾ ĠU C 198, 15.06.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-17 ta' Marzu 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Raad van State – il-Pajjiżi l-Baxxi) – K. Ruijsenaars, A. Jansen (C-145/15), J. H. Dees-Erf (C-146/15) vs Staatssecretaris van Infrastructuur en Milieu

(Kawżi Magħquda C-145/15 u C-146/15) ⁽¹⁾

(Trasport bl-ajru — Regolament (KE) Nru 261/2004 — Artikolu 7 — Kumpens tal-passiġġieri f'każ ta' tħassir jew dewmien ta' titjira għal iktar minn tliet sigħat — Artikolu 16 — Organi nazzjonali responsabbli mill-applikazzjoni tar-regolament — Ġurisdizzjoni — Adozzjoni ta' miżuri koerċittivi fil-konfront ta' trasportatur bl-ajru sabiex iħallas il-kumpens dovut lil passiġġieri)

(2016/C 156/24)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Raad van State

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: K. Ruijsenaars, A. Jansen (C-145/15), J. H. Dees-Erf (C-146/15)

Konvenuta: Staatssecretaris van Infrastructuur en Milieu